MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2012

Avviz Numru. 234/2010

**Alison Casha**

**Vs**

**Melita Plc**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici nhar it-28 ta' Gunju 2010 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallsha is-somma ta' erbat elef, sitt mija tmienja u hamsin Ewro u hamsa u ghoxrin centesmu (€4,658.25) ekwivalenti ghal elfejn Lira Maltin (Lm2,000) jew somma verjuri li ghandha tigi likwidata minn din il-Qorti jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti *performance bonus* dovut minnhom lill-attrici ghas-sena 2007/2008 ai termini tal-kuntratt ta' bejniethom tal-10 ta' Ottubru 2005 (Dok. A)

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali tat-13 ta' April 2010, kontra s-socjeta' intimata li hija ingunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepew is-segwenti:

*1. "Preliminarjament, jeccepixxu il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2147 u 2148 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
*2. Fil-mertu ma hemm ebda ammont dovut u hi r-rikorrenti se mai tid iggib prova li hemm xi ammont li ma thallsx lilha skond il-kuntratt."*

L-attrici **Alison Casha** xehdet permezz ta' affidavit ipprezentat fl-atti ta' dan il-process nhar l-4 ta' Novembru 2010. Spjegat illi hija kienet giet impjegata mas-socjeta' konvenuta Melita Plc b'effett mis-17 ta' Ottubru 2005 bhala Business Sales Executive u kienet iffirmat kuntratt, liema kuntratt jinsab fl-atti u mmarkat bhala Dok 'A'. Tghid li kienet l-ewwel persuna li kienet giet impjegata f'dan ir-rwol u ghalhekk kienet hi li bniet dan id-dipartiment ta' Corporate Sales. Xogholha kien jikkonsisti fil-bejgh ta' servizzi offruti mis-socjeta' konvenuta lil kull tip ta' negozjanti, u cioe' servizzi ta' televizjoni, internet u telefonija fissa. Apparti bejgh per se, kienet tiehu hsieb kull tip ta' rikjesta minghand il-klijenti gja ezistenti u anke dawk prospettivi.

Fil-bidu kienet tirraporta lil Franco Degabriele li kien Sales and Marketing Manager u tghid li effettivament kien is-Sur Degabriele stess li kien ghamlilha l-interview. Qalet li kienu spjegawlha x'kienet tikkonsisti l-paga u cioe' paga fissa ta' Lm 804 izda apparti l-paga kienet intitolata ghal performance bonus fuq bazi annwali. Ghamlet referenza ghall-klawsola numru 3.6 tal-kuntratt ta' impjieg taghha (Dok A) li tghid espressament li hija kienet intitolata ghall-performance bonus allowance ta' Lm2,000 annwali bbazati fuq sales targets, liema targets kienu nghataw lilha mis-socjeta' konvenuta fil-bidu ta' kull sena. Minkejja dan, il-kuntratt kien jghid li kull meta it-targets kienu ser

jinbidlu hija kellha tinghata avviz f'dan is-sens ta' lanqas tlett xhur qabel.

Meta hija bdiet tahdem mas-socjeta' konvenuta u kienet tirraporta lis-Sur Degabriele dan dejjem kien itiha targets li hija kellha tilhaq fis-sena relattiva. Dawn kienu jinghatawlha bil-miktub tramite e-mails.

Fl-ewwel sentejn tal-impjieg taghha u cioe' meta kienet tahdem taht id-direzzjoni tas-Sur Degabriele fil-fatt hija dejjem lahqet it-targets taghha tant li thallset il-performance bonus ghall-ewwel sentejn. Gara li f'Dicembru 2007, is-sur Degabriele kien irrizenja minn impjegat tas-socjeta' konvenuta u dahal floku certu Chris Cachia. Is-Sur Cachia qatt ma taghha is-sales targets godda u ghalhekk hija baqghet tapplika t-targets tas-sena ta' qabel, u dan skond ma kien hemm miktub fil-kuntratt.

Meta dahal is-Sur Cachia dan impjega diversi nies ohra li kellhom jaghmlu l-istess xoghol tieghu u kien ikkrea kariga gdida u cioe' dak ta' Corporate Sales Manager, u f'dan ir-rwol kien gie impjegat certu Anton spiteri.

Minn tmien impjegati godda biex jaghmlu l-istess xoghol li kienet taghmel hi fis-sena 2008 hija kienet l-iktar persuna li kkonkludiet kuntratti ta' bejgh. Tant hu hekk li f'Awwissu 2008 is-Sur Cachia kien innominha bhala Senior Sales Executive u dan kif jidher mid-dokument anness u mmarkat bhala Dok 'B' u Dok 'C'.

Fis-sena 2008 hija kkonkludiet l-akbar kuntratt li kkonkludiet is-socjeta' konvenuta almenu sakemm kienet tahdem maghhom hi. Il-kuntratt kien sar ma' l-Arcidiocese ta' Malta u cioe' il-Curia. Tiftakar li l-konkluzjoni tal-kuntratt sahansitra anke gie rapportat fil-gurnali lokali. Hija esebiet bhala Dok 'D' kopja tal-gurnal 'The Sunday Times' tal-10 ta' Awwissu 2008 fejn hija tidher fil-kapacita' ta' Account Executive.

Fis-sena 2008 hija kienet lahqet is-sales targets illi kellha anzi tghid li kienet issuperathom. Il-kuntratt tal-Curia wahdu kien ikopri parti sew mit-targets li kellha.

Tikkonferma li hija kien ikollha laqghat regolari mat-team u ma' Chris Cachia li kienu jkunu one-to-one jew fi grupp u dan bil-ghan li jiddiskutu is-sales. Tiftakar li f'Settemrbu 2008 waqt wahda minn dawn il-meetings is-Sur Cachia kien qallha li kienet lahqet it-targets u ghalhekk kienet ser tiehu l-performance bonus kollu. Wara l-imsemmi meeting hija baghtet e-mail minnufih lis-Sur Cachia u talbitu sabiex jikkonferma dak li kien qallha fil-meeting bil-fomm rigward il-performance bonus taghha. Hija esebiet kopja ta' din l-email flimkien mar-risposta li kienet irceviet li giet immarkata bhala Dok 'E'.

F'Novembru 2008 hija irrizenjat mill-impjieg taghha mas-socjeta' konvenuta billi sabet xoghol alternattiv. Iddecidiet li minflok tahdem in-notice period kollu, hallset nofs biex tilhaq titlaq qabel. Tghid li qabel ma telqet hija kellha meeting mas-Sur Cachia fejn taghtu l-ittra tar-rizenja taghha u kienet kelmitu fuq l-ammonti li kienu ghadhom dovuti lilha, u dan kemm bhala paga, kif ukoll bhal performance bonus. Is-Sur Cachia riedha bilfors tahdem in-notice period kollu u fil-fatt beda jirrikattha illi jekk ma tahdimx in-notice period kollu huwa ma kienx ser jikkonfermalha il-performance bonus.

Minkejja li irceviet e-mail minghand l-HR Manager li qaltilha li kienet ser tithallas dak kollu dovut lilha fl-ahhar payroll, meta irceviet ic-cekk relattiv dan ma kienx jinkludi l-performance bonus. Hija ghalhekk bdiet tikkuntattja lil-persuni koncernati u cioe' l-HR Manager Jacqueline Abela, is-sales Manager Chris Cachia u ic-Chief Operations Officer Stephen Wright u dana billi baghtet ittra formali. Din l-ittra giet injorata ghal kollox.

Sussegwentement u cioe' ghal habta tal-bidu tas-sena 2009, is-Sur Cachia kien tkecca mill-impjieg tieghu filwaqt li lejn nofs is-sena 2009 Stephen Wright ma baqax ic-Chief Operations Officer tas-socjeta' konvenuta. Ghalhekk kitbet lill-Operations Officer il-gdid certu Andrei Torriani u esebiet kopja tal-e-mail relattiva li giet immarkata bhala Dok 'F' fejn talbet l-intervent tieghu qabel ma irrikorriet ghall-ghajnuna legali. Is-sur Torriani wegibha

fit-22 ta’ Jannar 2010 skond kopja tal-e-mail esebita u mmarkata bhala Dok ‘G’ fejn infurmaha li kien ghadda l-e-mail taghha fid-dipartiment koncernat u li kien ser jaghmel kuntatt maghha appena ikollu xi forma ta’ risposta.

Fid-19 ta’ Jannar 2010 Dr. Bezzina ghan-nom tas-socjeta’ konvenuta baghtilha e-mail sabiex tinfurmaha illi is-socjeta’ konvenuta ma kellhiex intenzjoni li thallsha dak li kienet qed titlob. Minkejja li kien hemm l-iskambju ta e-mails ma’ Dr. Bezzina din baqghet issostni li is-socjeta’ konvenuta ma kellha l-ebda obbligu lejha. Hija esebiet kopja ta’ dawn l-emails li gew immarkati bhala Dok ‘H’. Kien ghalhekk li hija fethet il-kawza odjerna.

In kontro-ezami nhar it-12 ta’ April 2011 qalet li kien impossibli li servizz mibjugh lill-klijent fis-sena 2008 ma jibqax fis-sistema. Qalet li kull xahar suppost li kienu jinghataw it-targets u huma kienu kollha jlahqu maghhom u jaghtu rendikont taghhom. Hija kienet zammet samples ta’ dawn is-servizzi li bieghhet u esebiet dawn is-samples li huma biss fraction ta’ dak illi effettivament kienet bieghhet u dawn gew immarkati bhala Dok ‘SA’.

Mistoqsija jekk fuq is-servizz li huma jbieghu jaghmlux input fis-sistema tal-kompjuter fis-sens li jiktbu min hu s-sales representative, is-Sales Manager wiegbet fl-affermattiv. Qalet li s-sistema li kien hemm installata kienet tiggenera is-sales report on a *monthly basis* u dan taht kull persuna individwali li kien ghamel is-sales relattiv. Spjegat li s-servizz li kienu jaghtu fuq internet u telefonija ma kienitx tinhadem bis-sistema ta’ *revenue generating unit*. Is-sistema ta’ RGU’s kienet tinhadem biss rigwardanti l-bejgh ta’ TV u kien ghalhekk li hija talbet li jkun hemm is-sales tal-RGU limitatament dwar it-TV. Qalet li l-RGU’s kienet is-sistema utilizzata ghat-TV waqt li l-bejgh tat-telefonija u l-internat u VPN’s ma kinitx tinhadem bl-RGU’s. Ghalhekk talbet li jkun hemm l-bejgh tal-EBU’s rigwardanti it-TV u l-bejgh ta’ RGU’s rigwardanti s-servizzi l-ohra.

In kontro-ezami xehdet nhar il-25 ta’ Jannar 2012 u spjegat li t-targets li kien ikollhom kienu jigu moghtija

lilhom mill-manager taghhom. Qalet li peress li f'dik is-sena partikulari kien inbidel il-manager, u cioe' minn Franco Degabriele kien gie Chris Cachia, hija ma nghatatx targets. Fil-kuntratt hija kellha klawsola li jekk ma tinghatax targets kellha tuza it-targets tas-sena ta' qabel u hekk ghamlet fil-fatt. Spjegat li kien ikollhom meetings regolari u kienet talbet li tinghata targets, mhux hija biss imma it-*team* kollu, pero' target ma nghatatx.

**Miriam Sargent** xehdet nhar it-3 ta' Dicembru 2010 u kkonfermat li hi wkoll kienet tahdem mas-socjeta' konvenuta izda waqfet minn maghhom f'Novembru 2008. Tghid li taf l-attrici bhala kollega taghha fuq ix-xoghol ghaliex kienu jahdmu fl-istess dipartiment. Qalet li l-attrici kienet tahdem fil-Corporate Sales wahedha. Mistoqsija kemm damet l-attrici tahdem mas-socjeta' attrici tghid li damet xi sentejn jew tlieta pero' ma kinitx certa. Tghid li meta bdiet bl-impjieg taghha f'Jannar 2008 l-attrici kienet diga' hemm. Qalet li fis-sena 2009 bdiet tahdem maghha flimkien ma' sitt minn nies ohra fis-sales u bhala sales person, tghid li kienet responsabbli ta' klijent u dak il-klijent kien jibqa' mieghu. Qalet li kienet taf li l-kuntratt tal-Curia kien f'idejn l-attrici u sakemm taf hi, kienet tahdem fuqu wahedha. Qalet ukoll li wara li akkwistat dan il-kuntratt l-attrici inghatat promotion ghal senior fid-dipartiment tas-sales.

Mistoqsija min kien jghaddilhom il-klijenti ix-xhud wiegbet li kienu jsibuhom wahedhom izda jekk icempel xi hadd u tiehu it-telefonata, allura dak il-klijent isir ta' min iwiegeb dik it-telefonata. Tghid li l-attrici kellha kuntatt personali l-Curia u kien ghalhekk li kellha hafna kuntatt mal-Curia.

**Franco Degabriele** xehed fl-istess jum u kkonferma li huwa waqaf mix-xoghol tieghu mas-socjeta' konvenuta fis-sena 2008 u dan mill-kariga tieghu ta' Head of Marketing and Sales fis-settur kummercjali. Jghid li huwa kien beda dan l-impjieg fis-sena 2004 u kkonferma li kien jaf lill-attrici. Ikkonferma li kien hu li impjegaha wara li ghamlilha interview u li kienet tahdem fid-dipartiment tas-sales. Qal li kien izomm laqghat regolari mal-attrici sabiex

jaraw jekk kienitx qed tilhaq is-sales taghha u jghid li huwa qatt ma kellu xi complaints dwarha.

Ikkonferma li waqt li huwa kien ghadu impjegat, l-attrici kienet thallset tal-performance bonus taghha u kkonferma li l-attrici kienet il-*front person* fil-kuntratt mal-Kurja u gie finalizzat minhabba fiha. Mistoqsi kif kienu jigu assenajti il-klijenti fil-corporate sales jghid li ma kienx hemm bzonn ta' xi procedura ghaliex l-attrici kienet wahedha. Qal li kien ikun hemm xi nies li jcemplu direttament lis-socjeta' kovenuta u dawk kienu jigu mghejuna minn min jirrispondihom izda jekk kien hemm xi problema kienu jaqghu wkoll ghand l-attrici.

**Franco Degabriele** rega' xehed in kontro-ezami nhar id-9 ta' Novembru 2011  u ghamel referenza ghad-Dok KB esebit f'dawn il-proceduri u kkonferma li l-atttrici dejjem lahqet it-targets taghha. B'referenza ghas-sales li huma indikati a fol. 81  spjega illi huwa kien diga' telaq mill-impjieg tieghu minn mal-Melita pero' tenna li l-attrici kienet lahqet it-targets taghha li huwa kien iffissa is-sena ta' qabel.  Qal li dawn is-sales ma jinkludux il-kuntratt li effettivament ghamlet l-attrici mal-Kurja. Qal li il-kuntratt tal-Kurja wahdu kien diga' jilhaq it-target kollu ta' dik is-sena, u tenna li l-kuntratt tal-Kurja gabitu l-attrici u kienet hi l-unika wahda li hadmet fuqu.

**Theresianne Mifsud** xehdet nhar it-12 ta' April 2011 u kkonfermat li Andrei Torriani huwa ic-CEO tas-socjeta' konvenuta. Mistoqsija sabiex tesebixxi is-sales target tal-attrici ghas-snin 2007 u 2008, tghid li fil-file taghha ma hemm xejn minn dan. Qalet li hija kienet qed tixhed ghan-nom tas-sur Torriani. Qalet li l-manager li kien hemm ma kienx ghadu impjegat maghhom u ghalhekk ma kellhiex ir-record li talbuha tipprezenta.

**Kevin Borg** xehed fit-12 ta' April 2011 u spjega illi huwa jokkupa l-kariga ta' Customer Care and Sales Manager tas-socjeta' konvenuta u kien ilu jahdem mas-socjeta' konvenuta ghal dawn l-ahhar tmintax-il sena. Ikkonferma li fis-snin 2007 u 2008 huwa ma kienx responsabbli ghas-

sales department. Qal li ha *over* fis-sena 2010 u minn dak in-nhar ‘l quddiem inbidlet is-sistema kollha li kien hemm.

**Kevin Borg** rega’ xehed fil-5 ta’ Mejju 2011 fejn esebixxa bhala Dok. KB rendikont tas-servizz tat-telefonija li nghata minn Alison Casha ghall-perjodu minn Ottubru 2007 sa’ Settembru 2008. Huwa spjega li l-ewwel kolonna tirreferi ghall-‘customer ID’ li huwa l-account number tal-klijent partikolari. It-tieni kolonna hija t-tip ta’ kont relattiv jigifieri jekk hux wiehed regolari, kummercjali jew relatat ma’ xi ufficju. It-tielet kolonna hija l-‘order type’ fis-sens jekk hix ordni gdida maghrufa bhala CNO li hija *connect order* jew CHO li huwa a *changed order* ta’ ordni gia ezistenti. Ir-raba’ kolonna hija ‘order status’, jekk effettivament l-ordni gietx ezegwita jew le fis-sistema taghhom. L-‘order closed date’ hija meta l-ordni effettivament tkun giet sodisfatta u nstallata. Is-‘sales person’ hija l-persuna li tat din l-ordni partikolari. Jekk tkun ordni jew servizz gdid, dan jidher fis-seba’ kolonna intestat ‘hello added’, filwaqt li jekk ikun servizz li ha jigi mnehhi jidher tajt il-kolonna ‘hello jobs’. Jekk ikun hemm xi tibdil fis-servizz, dan jidher kemm taht ‘added’ u kif ukoll taht ‘jobs’. L-istess haga tapplika ghaz-zewg servizzi ‘l ohra. Ix-xhud esebixxa kont immarkat bhala Dok. KB 1 li huwa relatat mas-servizz moghti tat-television.

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attrici Alison Casha ipprezentata fit-28 ta’ Marzu 2012.

Rat ukoll in-nota ta’ sottomissjonijiet tas-socjeta’ intimata prezentata fl-atti nhar il-25 ta’ Mejju 2012.

Ikkunsidrat.

Illi f’din il-kawza l-attrici qed titlob minghand is-socjeta’ konvenuta il-*performance bonus* fl-ammont ta’ erbat elef sitt mija tmienja u hamsin euro u hamsa u ghoxrin centesmu euro  (€4,658.25) dovuti lilha skond il-kuntratt ta’ impjieg redatt bejniethom nhar l-10 ta’ Ottubru 2005 (Dok. A) appuntu skond il-klawsola numru 3.6. Is-socjeta’ konvenuta in premis qed tallega li l-azzjoni hija reskritta ai termini tal-Artikolu 2147 u 2148 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet

ta’ Malta u fit-tieni lok eccepiet li ma hemm l-ebda ammont dovut u li semma l-attrici trid iggib prova li hemm xi ammont li ma thallasx lilha skond il-kuntratt taghha.

Jirrizulta bla kontestazzjoni ta’ xejn li bhala fatt l-attrici bdiet l-impjieg taghha mas-socjeta’ konvenuta nhar l-10 ta’ Ottubru 2005 u rrizenjat minn dan l-istess impjieg f’Novembru 2008. Il-kawza odjerna giet intavolata fit-28 ta’ Gunju 2010. Ghalhekk fl-ewwel lok l-ezercizzju li ghandha tghamel din il-Qorti hu sabiex tara jekk l-azzjoni odjerna hiex preskritta kif allegat mis-socjeta’ konvenuta.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Jinghad qabel xejn u bhala regola generali li l-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent. Il-preskrizzjoni wkoll, dik tax-xorta li titfi l-process, hija istitut li min-natura tieghu, irid jitqies fil-limiti stretti li tapplika ghalih il-ligi, u jitfisser dejjem b’mod li ma jgibx fix-xejn il-ghan li ghandu jsir haqq fuq is-sustanza tal-kwistjoni.

Illi tkun inutili li ssir indagini biex wiehed jara jekk l-odjerna azzjoni tas-socjeta’ attrici taqax jew le bil-preskrizzjoni bl-gheluq perjodu iehor, billi ma giet invokata l-ebda terminu ta’ preskrizzjoni iehor salv dak li ser jigi diskuss aktar ‘l quddiem, il-Qorti ma tistghax, jekk dik invokata tirrizulta insostenibbli, tfittex biex tara jekk hix applikabbli xi preskrizzjoni ohra partikolari li ma tkunx giet invokata [Artikolu 2111 tal-Kodici Civili], u lanqas tista’ tikkonsidra ebda preskrizzjoni ohra hlief dik specifikatament eccepita <u>(‘**Perit Victor Muscat vs Edgar Tabone**</u>’, Appell Civili, 18 ta’ Frar 1963; **‘<u>Paul Xuereb vs Amabile Fiott’</u>**,Appell Sede Inferjuri, 3 ta’ Dicembru 1975). Il-Qorti tal-Kummerc espremiet ruhha f’dan is-sens:

*‘Il-konvenut ma ssolleva ebda eccezzjoni ohra ta’ preskrizzjoni u l-Qorti ma tistax tikkonsidra jew tapplika preskrizzjoni li ma gietx espressament imsemmija, u ma*

*tistax tapplika terminu iehor ta' preskrizzjon*i' ('**<u>George Cini vs Rita Camilleri</u>**', 26 ta' Lulju 1979).
Bl-istess mod esprimiet ruhha il-Qorti Civili Prim'Awla fis-sentenza taghha fil-kawza fl-ismijiet '**<u>Ronald Nauci vs Unispeed Shipping and Forwarding Ltd</u>**', deciza fis-26 ta' Gunju 2003:

'*Minhabba dak li jipprovdi l-Artikolu 2111 tal-Kapitolu 16, il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva*.'

Illi sabiex tigi determinata liema hija l-preskrizzjoni applikabbli ghall-azzjoni partikolari wiehed irid jezamina d-dispozizzjonijiet
partikolari tal-kuntratt li minnu titwieled l-azzjoni fid-dawl tal-eccezzjonijiet moghtija mis-socjeta' konvenuta u wara tistabilixxi s-sustanza tar-relazzjoni guridika ezistenti bejn il-partijiet.

Illi fis-sentenza **"<u>Stencil Pave (Malta) Ltd vs Dr. Maria Deguara noe</u>**" (P.A. - 30 ta' Ottubru, 2003) gie ritenut dwar preskrizzjoni li *"hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq".*

Illi jinghad ghalhekk ukoll li meta tigi eccepita l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imiss lill-konvenut li jipprova li t-termini ghal prezentata tal-azzjoni ikun ghalaq jew skada u ghalhekk li l-prova ta' preskrizzjoni tkun saret. Il-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan miz-zmien minn meta dik

il-kawza setghet titressaq. (Ara '**<u>Guido Vella vs Emanuel Cefai</u>**', Appell Civili tal-5 ta' Ottubru 2001, u '**<u>Victor Portelli vs Mark Psaila'</u>**, deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta' Mejju 2003. Ara wkoll f'dan ir-rigward il-kawza deciza fl-4 ta' Dicembru 1987 mill-Onor. Qorti tal-Kummerc, Onor. Imhallef Dr. J. D. Camilleri fl-ismjiet '**<u>Edgar Causon noe vs Abdelsalam Sheibani</u>**', u '**<u>Camilleri vs Frendo'</u>** (Kollezz. Vol XII pg.144) u '**<u>Joseph Borg vs Nobbli Maria Testaferrata Bonici'</u>** deciza mill-Onor. Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Marzu 1958. Minn naha l-ohra jekk dan jigi pruvat, ikun imiss imbaghad lill-attur li jipprova illi l-kors tal-preskrizzjoni ikun gie validament interrott u f'dan is-sens hija s-sentenza **"<u>Paolo Calleja vs Luigi Vella</u>"** (A.C. - 15 ta' April 1964)).

Illi f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta issollevat il-preskrizzjoni fin-nota ta' l-eccezzjonijiet taghha pero' ma resqet l-ebda prova in sostenn ta' dak sollevat minnha u strahet biss fuq il-provi migjuba mill-attrici u ghamlet il-kontro-ezami meta dehrilha li kien il-kaz.

Illi l-Qorti ghamlet ezami approfondit taz-zewg Artikoli citati mis-socjeta' konvenuta dwar il-preskrizzjoni sollevata minnha u cioe' applikabbli bit-termini ta' sena fir-rigward ta' l-Artikolu 2147 u bit-terminu ta' tmintax-il xahar fir-rigward ta' l-Artikolu 2148. Ma hemmx dubbju li t-talba tal-attrici hija bbazata fuq il-kuntratt ta' impjieg ezistenti bejnha u s-socjeta' konvenuta.

It-talba taghha tinsab bazata fuq l-Artikolu 3.6 tad-Dokument A taht l-intestatura 'Financial Provisions'. F'dan it-titolu insibu l-kunsiderazzjoni li is-socjeta' konvenuta sejra taghtiha ghall-impjieg taghha u cioe' l-paga u l-modalita' ta' kif ghandha tihallas din il-paga u l-bonuses li hija intitolata ghalihom skond il-Gvern ta' Malta. Pero' apparti dawn il-hlasijiet, insibu wkoll fis-sub Artikolu 3.5 allowance li l-attrici tkun intitolata ghaliha bhala performance "*related increment at the complete discretion of the Chief Executive Officer*" u dak taht is-sub-inciz 3.6 fejn l-impjegata hija intitolata ghal pro-rata performance '*related bonus upon the attainment of te set sales target in accordance with the attaced schedule to*

*this agreement and as may be changed by management from time to time within three months advice in advance".*

Ghalhekk m'hemmx dubbju li l-azzjoni tal-attrici hija wahda *ex contractu.*

Minn ezami tal-Artikoli citati mis-socjeta' konvenuta, u appuntu l-Artikoli 2147 u 2148, jinghad kif tajjeb osservat l-istess attrici fin-nota taghha li l-unici sub incizi li jistghu japplikaw ghall-kaz in ezami una volta jigu imgebbda kienu is-sub inciz (c) tal-Artikolu 2147 u is-sub inciz (d) tal-Artikolu 2148 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Is-sub inciz (c) tal-Artikolu 2147 li ghandu perjodu preskrittiv ta' sena jiddisponi is-segwenti:

"*L-azzjonijiet tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, tal-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata ghall-hlas tal-granet tal-pagi, tas-salarji jew tal-fornituri li jkollhom jiehdu*."

Ghalhekk m'hemmx dubju li dan l-Artikolu japplika ghal hlasijiet li huma dovuti lill-impjegat ghar-rigward il-paga u/jew salarju taghhom u dak li l-istess impjegat huwa intitolat ghalih li huwa naxxenti mill-ligi li jemanixxi mill-Kapitolu 452 li jirregola l-impjiegi u ir-relazzjonijiet industrijali. Dan l-Artikolu jirreferi ghal hlasijiet li l-impjegat ikun intitolat ghalih fix-xahar u ghal kull *fornitura* ohra li jkollu jiehu. Bil-kelma fornitura l-ligi mhix qed tinkludi dawk il-hlasijiet li huma naxxenti minn kuntratt *ad hoc* bhal ma huma il-performance bonuses izda ghal xi hlasijiet li huma dovuti bhala bonus tal-Gvern li jemanixxi mill-Artikolu 23 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-pretensjoni tal-attrici ma hix bazata jew adirittura ma temanix mill-Kapitolu 452 izda temanixxi minn kuntratt iffirmat bejn il-kontendenti. Ghalhekk tali disposizzjoni tal-ligi ma tapplikax ghall-kaz in ezami.

Il-Qorti tirrileva li meta dawn iz-zewg Artikoli gew introdotti fil-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta zgur li ma kienx hemm l-intenzjoni tal-Legislatur li ghandhom ikollhom referenza ghall-*performance bonus* li hija kumpens relattivament

gdid fis-sistema legali taghna. Il-Performance Bonus hija renumerazzjoni li ma hix fissa u li tmur lil hinn minn paga normali ta' impjegat, liema hlas jinghata lill-impjegat una volta jilhaq xi miri jew tiri partikolari stabbiliti bil-quddiem mill-imghallem tieghu. In oltre tali hlas ghandu jinghata biss bhala apprezzament ghax-xoghol li jkun ghamel l-impjegat u mhux xi hlas li l-impjegat huwa awtomatikament intitolat ghalih. Ghalhekk zgur li tali hlas ma jaqax taht din id-disposizzjoni preskrittiva tal-Ligi.

Dwar l-Artikolu 2148 (d) tal-Kapitolu 16 dan jipprovdi perjodu preskrittiv ta' tmintax-il xahar u jipprovdi is-segwenti:

*"l-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena ghall-hlas tas-salarju taghhom."*

Illi f'dan il-kaz, jirrizulta mill-provi li l-attrici kienet tithallas bix-xahar pero' anke hawn trid issir referenza ghat-tifsira li tinghata fil-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta Malta ghal dak li jirrigwarda salarju jew paga u cioe' "*rimunerazzjoni jew qligh li jithallsu minn principal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li jithallas skond l-Artikolu 23 minbarra kull bonus jew allowance relatati ma' l-esekuzzjoni tax-xoghol jew tal-produzzjoni*."

Harsa lejn **Blacks Law Dictionary** fuq it-tifsira ta' paga (kif mghrufa bl-ingliz '*salary*') insibu s-segwenti:-

"*A recompense or consideration made to a person for his pains and industry in another person's business; also wages, stipend, or annual allowance. Cowell. A fixed periodical compensation to be paid for services rendered; a stated compensation, amounting to so much by the year, month, or other fixed period, to be paid to public officers and persons in some private employments, for the performance of official duties or the rendering of services of a particular kind, more or less definitely described, involving professional knowledge or skill, or at least employment above the grade of menial or mechanical labor. See State v. Speed, 183 Mo. 180, 81 S. W. 1200; Dane v. Smith, 54 Ala. 50; Fidelity Ins. Co. v. Shenandoah*

*Iron Co. (C. C.) 42 Fed. 370; Cowdiu v. Huff, 10 Ind. 85; In re Chancellor, 1 Bland (Md.) 590; Houser v. Umatilla County, 30 Or. -ISO, 49 Pac. 807; Thompson v. Phillips, 12 Ohio SALE 1053".*

Illi ghalhekk dan l-Artikolu zgur li ma jkoprix id-domanda attrici ta' performance bonus u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta qeghda tigi michuda.

Dwar il-mertu, is-socjeta' konvenuta sostniet li ma hemm xejn dovut u li hija l-attrici li trid tipprova li ma thallsitx ghal dak li qed tippretendi skond il-kuntratt.

Hawnhekk opportun li jigu ribaditi certi principji regolanti materji ta' kuntratti kif imsemmija fis-sentenza moghtija ricentement mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet '**Mark Bugeja et vs Geoffrey Camilleri'** deciza nhar id-29 ta' Marzu 2012 fejn gie ritenut li:

*"i) "F'materja kontrattwali l-ftehim hu ligi ghall-partijiet kontraenti (Art. 992 (1) Kodici Civili '**Carmelo Bajada noe vs Fr. S. Cachia et noe'** (A.K. deciz 16 ta' Lulju 1973)*

*ii) Ir-regola fundamentali hija dettata mill-Artikolu 1002 tal-Kodici Civili li jghid li meta l-kliem tal-kuntratt mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car m'hemmx lok ghall interpretazzjoni (**Vol.XXXIV.i.p27)** fejn inghad li " l-interpretazzjoni ghandha tittiehed mill-atti innifsu u mhux minn provi estraneji , specjalment meta l-interpretazzjoni hija relattiva ghall-kwistjoni principali".*

*iii) Illi meta s-sens letterali tal-kelma ma jaqbilx ma' l-intenzjoni tal-partijiet kontraventi kif tidher car mill-pattijiet mehudin flimkien, ghandha tipprevali l-intenzjoni. Dwar dan dik il-Qorti, spjegat illi "din ir-regola ghandha tigi sewwa apprezzata u applikata. Irid jirrizulta bla dubju li s-sens tal-kwalsola li tkun jista' biss jigi nterpretat b'mod univoko ghax hu car. Irid jirrizulta wkoll li dan is-sens car tal-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li kellhom f'mohhom il-partijiet kollha u mhux ma' dak biss li xi wahda mill-partijiet kellha f'rasha u dan irid jidher mill-pattijiet kollha*

*tal-kuntratt mehudin flimkien ("**J. Bartolo et vs A. Petroni'** deciza 7 ta' Ottubru 1997").*

*iv) Fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni mhux l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall kliem tal-ftehim jew is-sens divers li huma jaghtu lill-kliem li jiswa imma dak li huwa importanti "hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti lill-kliem is-sens ordinarju tieghu fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti li ghandu jorbot ('**J. Zammit vs Michael Zammit Tabone et noe'** – Appell Superjuri deciz 28 ta' Frar 1997)."*

Illi dan jikkonferma dak li nghad fis-sentenza '**Emanuel Cauchi et vs BCF Holdings Limited et'** (P.A. (RCP) – 28 ta' Gunju 2006) fis-sens *"li bl-aktar mod esplicitu gie ritenut li "l-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. "Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta' Ottubru, 1998 – '**Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines'**)."*

Illi hekk ukoll fis-sentenza '**Gemma Fenech vs John Bugeja'** (A.I.C. (PS) – 20 ta' Ottubru 2003) inghad li:

*"Tajjeb li jigi osservat ukoll qabl kull konsiderazzjoni tal-meritu illi huwa pacifiku f'materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti illi meta d-dicitura tal-kuntratt hija wahda cara allura ma huwiex lecitu ghall-Qorti li tittanta tinterpretah billi tindahal x'kienet il-motivazzjoni tal-kontraenti meta kkonkludew il-ftehim. Dan jinsab rispekkjat ukoll fl-Artikolu 1002 tal-Kap. 16".*

Illi imbaghad ferm assodat bhala principju ta' interpretazzjoni illi "*contra testimonium scriptum, testimonium non scriptum non aufetur*". Dan fis-sens illi mhux ammess illi provi orali jfissru dak li fih innifsu huwa diga car ("**Joseph Gatt vs Joseph Galea",** Appell Civili, 14 ta' April 1975) u l-kontraenti ma jkunux jistghu jipprovaw permezz ta' testimoni dak li ma jirrizultax, jew

jirrizulta eskluz, mill-istess kuntratt (Vol. XXXIX.iii.p855 u r-rassenja ta’ gurisprudenza f’din is-sentenza kontemplata.

Illi ghalhekk l-ewwel haga li trid issir hija li wiehed jezamina d-dicitura tal-kuntratt u jara jekk dan huwiex car. Illi f’dan is-sens jidher li l-klawsola 3.6 hija cara fis-sens li s-socjeta’ konvenuta riedet turi l-apprezzament taghha lejn l-impjegati taghha li jgibu it-targets li is-socjeta’ konvenuta stess timponi minn sena ghal sena billi taghti lil dak l-impjegat ‘*a performance bonus’*. Ma hemmx dubju li dan kien l-intenzjoni tas-socjeta’ konvenuta meta dahlet din il-klawsola fil-kuntratt ta’ impjieg tal-attrici sabiex b’hekk l-impjegat ikollu hegga sabiex jahdem aktar u jaghti aktar rizultati lis-socjeta’ li timpjegah.

Issa f’dan il-kaz, l-attrici xehdet u kkonfermat li hija ma ircevietx il-*performance bonus* taghha ghas-sena 2008 minkejja li lahqet it-targets kollha taghha fi stability mill-istess socjeta’ kovenuta. Tghid li hija hadmet hafna tant li anke bil-kuntratt li kienet gabet dik is-sena tal-Curia Arciveskovili, it-targets taghha kienu gja milqugha ahseb u ara bil-kuntratti l-ohra li gabet ta’ dik l-istess sena.

L-attrici ressqet bhala xhud taghha lil Franco Degabriele li kien il-Head of Sales tas-socjeta’ konvenuta u dan ikkonferma li qatt ma kellux xi jghid fuq l-attrici li kien hu li impjegaha wara xi interviews u sakemm dam jahdem hemm hu, dejjem kienet intitolata ghal *performance bonuses* taghha ghax dejjem lahqet it-targets taghha. Jghid ukoll li huwa waqaf jahdem mas-socjeta’ konvenuta fis-sena 2008 u kkonferma li qabel ma telaq l-attrici kienet ikkonkludiet l-kuntratt tal-Curia Arciveskovili li wahdu wkoll ilahhaq it-targets tas-socjeta’ konvenuta ghal dik is-sena. In effetti jghid li dak kien kuntratt kbir hafna b’xi sittin connection.

Ressqet ukoll lil Miriam Seargent, impjegata tas-socjeta’ konvenuta li kkonfermat li l-attrici kienet tahdem fuq il-kuntratt tal-Curja u kienet hi li iffinalizzatu u tant kienu kuntenti bil-*performance* taghha li wara li kkonkludiet il-kuntratt, is-socjeta’ konvenuta kienet tatha promotion ghal

senior fid-dipartiment (vide dokumenti B u C). Dan l-attrici tikkonfermah ukoll bil-gurament taghha fl-affidavit taghha u mhux kontestat mis-socjeta’ konvenuta (vide dok D).

L-attrici tghid fix-xhieda taghha li hija kienet ikkonkludiet it-targets u fil-fatt f’wiehed mill-meetings li kellha ma’ Chris Cachia li kien ha post Franco Degabriele dan kien ikkonfermalha dan il-fatt u li kienet intitolata ghal performance bonus izda nonostante dan ma irceviethomx.

Illi ghalhekk in vista tas-suespost, l-Qorti hija sodisfatta li l-attrici hija intitolata li tircievi l-*performance bonus* taghha ghas-sena 2008 u ghalhekk filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ konvenuta, qieghda tilqa’ t-talba attrici b’dan illi qed tikkundanna lill-istess socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici dik is-somma mitluba fir-rikors promotur u ghalhekk tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lill-attrici is-somma ta’ erbat elef, sitt mija u tmienja u hamsin Ewro u hamsa w ghoxrin centesmu (€4,658.25) ekwivalenti ghal elfejn Lira Maltin (Lm2,000) bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali tat-13 ta’ April 2010.

L-ispejjez ta’ din il-kawza u tal-ittra ufficcjali tat-13 ta’ April 2010 ikunu a karigu ta’ l-istess socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------